**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2020;**

**Rikors guramentat nru : 66/2020 AGV;**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB** datat 15 ta' Mejju 2020 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat bil-gurament ;

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar il- 15 ta' Gunju 2019 (Dok A);
2. Minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
3. Illi l-kontendenti kien ilhom jafu lil xulxin ghal zmien sena qabel ma zzewwgu;

4. Ill wara li zzewggu l-kontendenti marru ghall-qamar il-ghasel gewwa Spanja, u matul dil-mawra kellhom x' jaqsmu flimkien ghal darba wahda biss;
5. Illi kien propju matul il-qamar il-ghasel li l-intimat informa lil martu r-rikorrenti li ma kienx behsiebu jkompli biz-zwieg ghaliex skont hu ma kienux tajbin ghal xulxin.
6. Illi ghalhekk il-kontendenti sseparaw minn ma' xulxin ftit gimaghat wara iz-zwieg.
7. Illi meta l-kontendenti sseperaw minn ma' xulxin, l-intimat applika sabiex jinghata il-freedom of movement f' Malta, peress li huwa ta' nazzjonalita' Albaniza, u talab il-koperazzjoni tar-rikorrenti f' dar-rigward.
8. Illi meta r-rikorrenti rrifjutat li tikkoppera mieghu, sabiex jikseb il-freedom of movement, minhabba li diga' kienu sseperaw, huwa telaq u ma deherx aktar, u llum ir-rikorrenti ma tafx fejn dan jinsab.

**RAGUNI GHAT-TALBIET;**

9. Illi fid-dawl tas-suespost , il-kunsens tal-partijiet kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewwga u fuq id-drittijiet u dmijirjiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamitlha impossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1d) tal-Kap. 255 tal-ligjiet ta' Malta.
10. Illi in oltre l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi

essenzjali tal-hajja mizzewwga u tad-dritt ghal-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19 (1f) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta.

**TALBIET;**

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil dina Onorabbli Qorti ghandha ghall-ragunijiet premessi;

a. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntratt bejn il-partijiet fil- 15 ta' Gunju 2019 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-artikolu 19 (d) u 19 (1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.
b. Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa qed jigi ingunt personalmemt, biex jidher ghas-subizzjoni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-Tlieta 21 ta' Lulju 2020, l-intimat gie debitament notifikat imma baqa' ma pprezentax risposta entro t-terminu lilu moghti ghalhekk tiddikjarah kontumaci.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Rat li l-konvenut lanqas ma ppresenta sottomissjonijiet bil-miktub.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi din il-kawza tittratta talba ghad-dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg, ai termini tad-dispozizzjonijiet tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-provi prodotti mill-attrici huma affidavit taghha stess u ta' ohtha, EFG. Mill-istess affidavit tal-attrici jidher li l-partijiet iltaqghu f'Mejju 2018 u zzewgu wara sena, fil-15 ta' Gunju, 2019, permezz ta' zwieg civili. L-attrici tghid li lanqas il-genituri u l-familjari taghha ma kienu jafu b'dan. Kien biss f'Ottubru tas-sena l-ohra li qalet lil ohtha EF li kienet izzewget lill-konvenut.

Ftit jiem wara li gew lura mill-'honeymoon', l-attrici tghid li huma infirdu minn xulxin u ghexu ghal rashom. Hi marret tghix mal-genituri taghha. Il-konvenut, li hu ta' nazzjonalita' Albaniza, talabha tassistih biex japplika ghall-'freedom of movement' gewwa l-Unjoni Ewropea, haga li hi rrifjutat li taghmel, peress illi hasset li hu qed japprofitta ruhu minnha. Ma regghetx ratu aktar wara dakinhar.

Il-Qorti tosserva li l-attrici kellha mat-23 sena meta ltaqghet mal-konvenut, ghalhekk kienet adulta bizzejjed li suppost taf ghalxiex diehla fiz-zwieg, izda forsi mhux matura bizzejjed li taghraf l-intenzjonijiet ta' haddiehor. Tant hu hekk, hu indikattiv ghall-Qorti l-fatt li ma nfurmatx lill-genituri taghha b'decizjoni daqshekk kbira w important f'hajjitha bhal ma hu z-zwieg.

Illi ghalhekk, kull ma ghandha l-Qorti hija l-verzjoni tal-attrici li hi kkorroborata minn ohtha stess. La ma hemmx il-verzjoni tal-konvenut, il-Qorti tista' tqis li dak li qalet l-attrici bhala fatti ppruvati. Minn dawn il-fatti jidher li l-konvenut ried biss li jikseb il-'freedom of movement' gewwa l-Unjoni Ewropea billi jizzewweg persuna, tkun min tkun li hi diga' cittadina tal-istess Unjoni Ewropea. Ix-xorti hazina jidher li misset lill-attrici, li l-Qorti thoss li setghet kienet ta' eta' tenera wisq biex tapprezza l-importanza u s-serjeta' taz-zwieg.

Illi t-talba tal-attrici hija bbazata fuq l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-Artikoli, fil-qosor, jipprovdu ghal dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg fil-kaz li jkun hemm vizzju serju fil-kunsens moghti fiz-zwieg, jew meta jkun hemm eskluzjoni pozittiva ghall-istess zwieg. Mill-fatti kif esposti mill-attrici, jidher li c-cirkostanzi partikolari tal-kaz aktar jaqghu mat-tieni kategorija spjegat hawn fuq. Il-Qorti tista' tippresumi li z-zewg partijiet kienu jafu ghal xiex dehlin u ma jidher li kellhom ebda difett serju fl-ghoti tal-kunsens lil xulxin. Aktar kienu l-intenzjonijiet tal-konvenut li kienu nieqsa ghal kollox ghall-hajja taz-zwieg. Dan jirrizulta mill-fatt li, hekk kif izzewgu, il-konvenut qabad u telaq lill-attrici, u sahansitra kellu l-wicc jitlob l-assistenza taghha biex jikseb il-'freedom of movement' gewwa l-Unjoni Ewropea, bhal dak li qallu li l-mara qeghdha hemm biss bhala passaport ghal hajja ohra 'l boghod minnha stess.

Ghalhekk il-Qorti sejra tilqa t-talba tal-attrici u tiddikjara z-zwieg taghha bhala null u bla effett ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet null ai termini tal-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tilqa' t-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Imhallef**

**Onor. Anthony G. Vella**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**